

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli kollu kemm hu.
- 2) Estampaciones Rubí, SAU għandha tħati l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 32, 29.1.2018.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Settembru 2018 – Správa železniční dopravní cesty vs Il-Kummissjoni u INEA

(Kawża T-815/17) ⁽¹⁾

("Rikors għal annullament — Ghajjnuna finanzjarja — Proġett ta' interessa komuni fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija — Servizzi ta' ppjanar preliminari għal linja ġidha tal-ferrovija b'veloċità għolja Dresden-Praga — Deċiżjoni dwar l-ispejjeż eliġibbi — Identifikazzjoni żbaljata tal-konvenut — Assenza ta' inċidenza diretta — Inammissibbiltà")

(2018/C 427/102)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

Partijiet

Rikorrenti: Správa železniční dopravní cesty, státní organizace (Praga, ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentant: F. Korbel, avukat)

Konvenuti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Hottiaux u Z. Malušková, aġenti), l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks (rappreżentanti: I. Ramallo u I. Barcew, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tal-ittra tal-INEA tal-11 ta' Ottubru 2017 dwar id-dikjarazzjoni finanzjarja finali u l-el-ġibbiltà tas-somom mitluba fil-kuntest tal-ghajjnuna finanzjarja tal-Unjoni mogħtija għall-proġett ta' interessa komuni "Servizzi relatati mal-ippjanar preliminari għal linja ġidha tal-ferrovija b'veloċità għolja Dresden-Praga".

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet għal intervent imressqa mir-Repubblika Ċeka u mir-Repubblika tal-Polonja.
- 3) Správa železniční dopravní cesty, státní organizace għandha tħati l-ispejjeż tagħha, kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks (INEA).
- 4) Správa železniční dopravní cesty, státní organizace, il-Kummissjoni, l-INEA, ir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika tal-Polonja għandhom ibatu kull wieħed minnhom l-ispejjeż tagħhom relatati mat-talbiet għal intervent.

⁽¹⁾ ĠU C 63, 19.2.2018.